# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM 28 ta' Novembru, 2000.**

**Kawza Nru. 59.**
**Citazz. Nru. 986/00 JRM**

**GASANMAMO Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Mangion sija bil-polza u sija bil-ligi – u l-istess Joseph MANGION**

**vs**

**Philip GAUCI.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni tad-19 ta' Mejju, 2000, li permezz tieghu s-Socjeta' attrici, wara li ppremettiet:

Illi fit-23 t'Ottubru, 1999, fi Triq il-Helsien, Qormi, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza numru EAB-843, huwa habat mal-karozza numru JVM-235, misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurat taghha taht polza *comprehensive* maghha;

Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u  nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-Traffiku da parti tal-istess konvenut kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi in vista tal-imsemmija polza hija ghamlet tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut fil-karozza assikurata maghha;

Illi d-danni kollha sofferti minnha b'konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal tlitt elef sitt mija u tlettax-il lira maltin (Lm3613.00), hekk kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut, ghalkemm interpellat permezz ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu, 2000, biex ihallas, baqa' inadempjenti;

Talbet li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti minnha;

2. Tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' tlitt elef sitt mija u tlettax-il lira maltin (Lm3613.00) fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minnha, okkorrendo, bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallasha in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax u bl-ispejjez, komprizi ghaxar liri maltin u hamsin centezmu (Lm10.50) ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu, 2000, u dawk ta' ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-Citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap 104, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-xiehda tas-Socjeta' attrici, flimkien maz-zewg dokumenti mehmuza maghha;

Rat li l-konvenut, debitament notifikat fid-9 t'Ottubru, 2000, bl-Att tac-Citazzjoni u bl-avviz tas-smigh (f'pagna 16 tal-process) baqa' ma ressaq l-ebda eccezzjoni jew kontestazzjoni ghall-azzjoni attrici, u lanqas ma deher meta ssejhet il-kawza u b'hekk baqa' kontumaci;

Rat in-Nota u z-zewg Dokumenti mehmuza maghha pprezentati mis-Socjeta' attrici waqt is-smigh tal-kawza fil-21 ta' Novembru, 2000 (pagni 48 sa 56 tal-process), f'liema data s-socjeta' attrici ddikjarat li ma kellhiex provi izjed xi tressaq u din il-Qorti halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

Rat l-atti l-ohrajn kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda tas-Socjeta' attrici;

Semghet lill-avukat tas-Socjeta' attrici tittratta l-kawza;

***Ikkunsidrat:***

Illi dwar il-mertu tal-kaz, mid-dokumenti esebiti, senjatament ir-*road accident report* u l-iskizz tal-habta (f'pagna 5 sa 8 tal-process), jirrizulta li l-habta sehhet fi

Triq il-Helsien, Hal-Qormi, fit-23 t'Ottubru, 1999, ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' wara nofsinhar. Joseph Mangion, assikurat mas-Socjeta' attrici, kien qieghed isuq il-karozza tieghu stess tal-ghamla Skoda Felicia bin-numru tar-registrazzjoni JVM-235 fuq it-triq ewlenija meta l-karozza tal-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni EAB-843, misjuqa mill-konvenut, hargearget minn triq sekondarja u saret il-habta;Illi l-verzjoni mehuda mill-ufficjal tal-pulizija fuq il-post tal-incident minghand iz-zewg sewwieqa taqbel sostanzjalment f'dan il-fatt ewlieni. Izda, filwaqt li s-sewwieq tal-karozza assikurata mas-socjeta' attrici jghid li kien il-konvenut li baqa' hiereg mit-triq sekondarja u dahal fil-karozza tieghu minkejja s-sinjal *ta'* Stop, il-konvenut jghid li kienet il-vettura misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici li baqghet diehla go dik misjuqa minnu;Illi, dan in-nuqqas ta' qbil ma jxejjinx il-grad ta' responsabbilta' li l-konvenut tefa' fuqu meta hareg minn triq sekondarja u qieghed lilu nnifsu fil-moghdija mnejn kien ghaddej l-assikurat tas-socjeta' attrici;Illi, minbarra dan, il-hsarat li garrbu z-zewg karozzi, kif murija fl-iskizz, jaghtu 'l wiehed x'jifhem ukoll mad-daqqa t'ghajn li l-konvenut kien xiref fuq it-triq ewlenija b'mod irresponsabbli ghall-ahhar meta kellu quddiemu medda twila li fiha seta' u messu ra l-karozza misjuqa minn Mangion gejja lejh;Illi, ghal dak li jirrigwarda l-hsarat imgarrba miz-zewg karozzi, l-ufficjal tal-Pulizija li rrapporta l-habta jindika li l- hsara fuq il-vettura ta' Mangion kie*net "insignifica*nt", filwaqt li dik fuq il-karozza tal-konvenut isejhi*lha "slig*ht". Madankollu, fl-istess rapport jirrileva li l-hsara fil-karozza ta' Mangion kienet man-naha tax-xellug *u l-bu*mper ta' quddiem, u l-istess jidher imberfel fl-iskizz. Ir-rapport *tas-surve*yor maghmul imqar tlitt ijiem wara l- habta fuq l-istess karozza ta' Mangion, isemmi hsarat izjed qawwija, anzi jirrakkomanda sahansitra li l-hsara li garrbet il-karozza misjuqa minn Mangion kienet tant kbira li ma kienx ghaqli li jsiru tiswijiet fuqha. Huwa jindik*a r-wreck v*alue tal-istess karozza fis-somma ta' Lm800. Ir-ritratti esebiti mis-socjeta' attrici (f'pagni 54 u 55 tal-process) jaghtu hjiel ta'

din il-hsara;Illi x-xhud Hugh Zammit qal li s-socjeta' attrici qaghdet fuq ir-rakkomandazzjoni *tas-surv*eyor Buttigieg u hallset lill-assikurat taghha Joseph Mangion is-somma bilancjali ta' Lm3,600, billi huwa ddecieda li jzomm il-fdal tal-karozza tieghu. Giet esebita wkoll ir-ricevuta tal-hlas li Mangion ircieva minghand is-Socjeta' attrici bis-sahha tal-polza (Dok AD3 f'pagna 56 tal-process);Illi, minbarra dan, is-Socjeta' attrici xehdet li nefqet ukoll tlettax-il lira maltin ohra fi spejjez marbuta mat-tfassil *tas-survey re*port u l-kopja *tar-road accident re*port;Illi, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni ta' din ix-xhieda, il-Qorti ssib li t-talbiet attrici huma kif jixraq ippruvati u misthoqqa;Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:**1. Tilqa' l-ewwel talba att**rici u tiddikjara lill-konvenut Philip Gauci responsabbli wahdieni tal-incident tat-traffiku li sehh fi Triq il-Helsien, Hal-Qormi, fit-23 t'Ottubru, 1999, bejn il-karozza JVM-235 misjuqa minn Joseph Mangion u dik bin-numru EAB-843 misjuqa minnu u dan minhabba sewqan traskurat, nuqqas ta' hila u nuqqas ta' harsien tar-Regolamenti tas-sewqan min-naha tal-istess konvenu**t;2. Tilqa' t-tieni talba att**rici, u tillikwida d-dannu minnha mgarrab bis-sahha tal-imsemmi incident fl-ammont ta' tlitt elef sitt mija u tlettax-il lira maltin (Lm3613.00); u **3. Tilqa' t-tielet talba att**rici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma hekk likwidata bhala dannu mgarrab minhabba l- imsemmija habta.L-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra u konsult, tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu, 2000, u tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Mejju, 2000, kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-data tin is-sentenza sal-jum tal-hlas effettiv, ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut Philip Gauci.

## Moqrija

*28 ta' Novembru, 2000.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**28 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Novembru, 2000.**